MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 960/2014

Av. Larry J. **GAUCI** bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Glander International Bunkering, Inc. (Nr. Reg 236-1967) irreġistrata ġewwa l-istat ta’ Nevada, fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika

vs

**BERGEN SHIPPING LIMITED** (C-31901)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-31 ta' Ottubru, 2014, li bih ir-rikorrent *nomine*, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; b) li l-Qorti ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallsu s-somma ta' mija u sitta u tmenin elf tliet mija u tlieta u għoxrin dollaru Amerikan u tlieta u ħamsin ċenteżmi (USD186,323.53) ekwivalenti f'euro għas-somma ta' mija u sitta w erbgħin elf, mija u tmienja u disgħin euro u żewġ ċenteżmi (€146,198.02), rappreżentanti l-prezz ta' *fuel oil* u *gas oil* minnha mibjugħ u konsenjat lill-bastiment *MV St. Rossa* fuq talba tal-istess kumpannija imħarrka; u c) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' USD186,323.53 jew l-ekwivalenti tagħha ta' €146,198.02 li tirrapreżenta l-prezz ta' *fuel oil* u *gas oil* mibjugħa u konsenjati kif fuq ingħad.

Talab ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata naqset li tidher meta ssejħet il-kawża iżda li għaliha deher avukat imqabbad minnha;

Semgħet lill-attur *nomine*;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat tal-kumpannija mħarrka;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur** ***nomine*** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' it-tieni talba ta' l-attur** u ssib li l-kumpannija imħarrka għandha tħallas lill-istess attur *nomine* is-somma ta' USD186,323.53 jew l-ekwivalenti tagħha f'euro u jigifieri €146,198.02;

3) **Tilqa' it-tielet talba** u tikkundanna lis-soċjeta imħarrka tħallas lill-attur *nomine* is-somma ta' mija u sitta u tmenin elf tliet mija u tlieta u għoxrin dollaru Amerikan u tlieta u ħamsin ċenteżmi (USD186,323.53) jew l-ekwivalenti tagħha f'euro, u jiġifieri €146,198.02 rappreżentanti l-prezz ta' żjut mibjugħa u konsenjati, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-28 ta' Ottubru, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv.

4) **Tikkundanna** lis-soċjeta mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------